MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 707/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**CLIVE MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Clive Muscat ta' 26 sena bin Joseph u Natalina nee' Crisinta mwieled Pieta' fid- 19 ta' Mejju 1986, residenti Harmony Triq il- Belt Vall;etta, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 238586M;

Talli f' Lulju 2008 u fix- xhur ta' qabel f' dawn il- Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' document mahsub ghall- awtorita' pubblika u cioe' lill- Awtorita' Dwar it- Trasport ta' Malta u

llum maghrufa bhala Transport Malta, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 188 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------